

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1176**tas-7 ta' Awwissu 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1387 fir-rigward tal-posponiment tad-dati ta' applikazzjoni ta' ċerti miżuri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-miżuri introdotti għall-finijiet tal-konteniment tal-pandemija tal-COVID-19 ixekklu serjament il-kapaċità tal-Istati Membri u tal-industrija tal-avjazzjoni biex jippreparaw għall-applikazzjoni ta' għadd ta' Regolamenti ta' Implimentazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni.
- (2) Il-konfinament u t-tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-disponibbiltà tal-impjegati, flimkien mal-ammont ta' xogħol addizzjonali meħtieġ biex jiġu ġestiti l-konsegwenzi negattivi sinifikanti tal-pandemija tal-COVID-19 għall-partijiet ikkonċernati kollha, qegħdin ixekklu t-tħejjijiet għall-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1387 ⁽²⁾ jstabbilixxi standards ġodda dwar il-kalkoli tal-prestazzjoni tal-inżul tal-inġenji tal-ajru, li huma applikabbli mill-5 ta' Novembru 2020. Biex jiġi evitat li l-applikazzjoni ta' dawn l-istandards timpedixxi l-proċess bla xkiel tat-tkomplija tat-titjiriet fil-kuntest tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 minħabba rekwiżiti operazzjonali addizzjonali, l-applikabbiltà tagħhom jenħtieġ tiġi posposta biex l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jippreparaw għall-implimentazzjoni tagħhom.
- (4) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ikkonfermat lill-Kummissjoni li l-posponiment tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-premessa 3 għal żmien limitat huwa possibbli, mingħajr effett detrimentali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni, minħabba li dawk ir-regoli fihom mitigazzjonijiet tekniċi għall-industrija li aħjar jiġu implimentati bl-aħjar mod f'ambjent operazzjonali normali.
- (5) Bil-għan li l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati kollha jingħataw sostenn matul il-pandemija tal-COVID-19 u biex ikunu jistgħu jadattaw il-pjanijiet tagħhom biex jippreparaw għall-applikazzjoni posposta tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1387, id-data "5 ta' Novembru 2020" hija sostitwita bid-data "12 ta' Awwissu 2021".

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1387 tal-1 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-kalkoli tal-prestazzjoni tal-inżul ta' ajruplan u l-istandards għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-superfiċje tar-runway, l-aġġornament ta' ċertu tagħmir u rekwiżiti tas-sikurezza tal-inġenji tal-ajru u l-operazzjonijiet mingħajr approvazzjoni operattiva fuq distanza estiża (ĠU L 229, 5.9.2019, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
